**KUNSILL LOKALI BORMLA** **IS-SITT KUNSILL**

**MINUTI** **SEDUTA NRU. 07**

**IL-ĦAMIS 5 TA' NOVEMBRU 2009**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar il-Ħamis 5 ta' Novembru 2009 fis-6.30 ta' fil-għaxija fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill.

**PREŻENTI (Seba' Kunsilliera)**

**Is-Sindku** Joseph Scerri, **il-Viċi Sindku** Alison Zerafa, u **l-Kunsilliera** Raymond Balzan, John Vella, James Cauchi, Pablo Cachia Belli, u Rodrick Mamo.

**Il-Viċi Sindku** Alison Zerafa daħlet għas-seduta fis- 6.35pm

**TALBA**

**Is-Sindku Joseph Scerri** qal it-talba.

**07/01** **Is-Sindku Joseph Scerri** ta' merħba lis-Sjra. Debbie Cassar bħala Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' Bormla u flimkien mal-Kunsilliera xtaqilha ħidma għall-ġid tal-Lokalita'. Is-Sindku nforma li l-Onorevoli Prim Ministru approva l-ħatra tas-Sjra Debbie Cassar bħala Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' Bormla b'effett mill-4 ta' Novembru 2009.

**07/02** **MINUTI TAS-SEDUTI NRU. 06**

**Is-Sindku Joseph Scerri** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 06, li nżammet nhar il-Ħamis 22 ta' Ottubru 2009, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Roderick Mamo** ssekonda.

**Ivvutaw Favur is-sitt (6) Kunsilliera preżenti,** Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni (0).

**Il-Kunsill unanimament ikkonferma l-Minuti tas-Seduta Nru. 06**.

**07/03** **SKEDA TA' PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' DOK 'A1-2' OTTUBRU 2009**

**07/03/01** **Is-Segretarju** poġġa fuq il-Mejda tal-Kunsill l-iskeda ta' pagamenti li għad iridu jsiru, flimkien ma' l-iskeda ta' Pagamenti magħmula għax-xahar ta' Ottubru, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Is-Sindku Joseph Scerri** ressaq il-listi ta' pagamenti magħmula għall-kummenti tal-Kunsilliera u wara ppropona l-approvazzjoni ta' dawn il-pagamenti.

**Il-Kunsillier Pablo Cachia Belli** ssekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur is-sitt (6) Kunsilliera preżenti.**
Il-Kunsill unanimament approva l-pagamenti magħmula għax-xahar ta' Ottubru.

**07/03/02** **Is-Sindku Joseph Scerri** għadda jressaq il-listi ta' pagamenti li għad iridu jsiru għall-kummenti tal-Kunsilliera u wara ppropona l-approvazzjoni ta' dawn il-pagamenti.

**Il-Kunsillier Roderick Mamo** ssekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur is-seba' (7) Kunsilliera preżenti.**
Il-Kunsill unanimament approva l-pagamenti magħmula għax-xahar ta' Ottubru.

**07/04** **MOZZJONI 15/2009 (IV) *TRAFFIC CALMER* FI TRIQ SANTA TEREŻA**

**DOK 'B'**

**Il-Kunsillier Raymond Balzan** ressaq il-mozzjoni 15/2009 (VI) dwar *Traffic Calmer* fi Triq Santa Tereża.

"Nipproponi li l-Kunsill japprova *traffic calmer* fi Triq Santa Tereża, ħdejn il-ħanut Wefi *Ironmongery*".

**Il-Kunsillier John Vella** ssekonda.

**Il-Kunsillier Raymond Balzan** fisser il-bżonn li ilu jinħass għal traffic calmer f'din it-triq fejn qed iseħħ sewqan b'veloċita' qawwija, u għalhekk jeħtieġ li jiddaħħlu miżuri ta' *traffic calming* fejn qed ikun suġġerit.

**Is-Sindku** rrimarka li sabiex il-Kunsill ikun jista' jressaq proposti bħal dawn quddiem l-Awtorita' għall-approvazzjoni, wieħed għandu jiġbor u jressaq mal-mozzjoni l-firem tar-residenti li jipproponu u jaċċettaw l-installazzjoni tar-*road hump* ħdejn ir-residenzi tagħhom, fit-triq tagħhom, sabiex wara ħadd mir-residenti ma jersaq lejn il-Kunsill jgħid li ma kienx jaf bir-*road hump*, jew inkella li qed iddejqu bil-ħsejjes li toħloq. Minbarra dan wieħed irid ukoll jagħti attenzjoni li permezz tar-*road humps* li ma jinħolqux problemi oħra, speċjalment fil-mixja ta' ilmijiet tax-xita, jew periklu ieħor li jista' joħloq. Is-Sindku tenna li wara li dan kollu jitressaq mat-talba quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni, l-istess deċiżjoni titressaq għall-approvazzjoni finali tal-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta.

**Is-Sindku talab lill-Kunsillier Raymond Balzan** sabiex iressaq l-approvazzjoni tar-residenti fl-ewwel seduta li jmiss, sabiex wara li din il-proposta tkun mressqa u approvata fil-Kunsill, titressaq għall-

approvazzjoni finali tal-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta.

07/05 **Is-Sindku Joseph Scerri** ġibed l-attenzjoni tal-Kunsilliera li s-Sindku waħdu ma jagħmel xejn iżda huwa l-Kunsill kollu flimkien li jiddeċiedi fuq il-mejda tal-Kunsill. Għalhekk huwa stieden lill-Kunsilliera kollha sabiex meta residenti jersqu jitkellmu magħhom, ir-residenti għandhom ikunu mwieġba u iggwidati, u mhux jintbagħtu jkellmu lis-Sindku qisu s-Sindku jagħmel kollox. Kullħadd għandu jfisser li dak li qed jintalab se jitressaq quddiem il-Kunsill sabiex ikun hemm deċiżjoni tal-Kunsill.

**Il-Kunsiller James Cauchi** rrimarka li kulħadd għandu jagħmel sehmu mingħajr ma jirreferi lill-persuna biex tkellem lis-Sindku u talab lis-Sindku sabiex isemmi b'ismu jekk hemm xi kunsillier li qed jagħmel hekk.

**Is-Sindku** stieden lill-Kunsilliera sabiex b'hekk iressqu r-rakkomandazzjonijiet u t-talbiet tar-residenti fil-Kunsill, u flimkien il-Kunsill jiddeċiedi dwarhom.

07/06 **MOZZJONI 16/2009 (IV) VENDA U ROTOT NRU 1 U NRU 6 TAL-KAROZZI TAL-LINJA – PJAZZA SANTA MARGERITA**

**Il-Kunsillier John Vella** ressaq il-mozzjoni 16/2009 (VI) dwar il-Venda u Rotot Nru. 1 u Nru. 6 tal-Karozzi tal-Linja – Pjazza Santa Margerita, Bormla, b'kontinwazzjoni mal-Mozzjoni preċedenti numru 11/2009 (VI), li kienet tressqet u approvata fis-Seduta Nru 4 tat-3 ta' Settembru 2009.

"Nipproponi li jekk inqabeż xahar minn meta saret it-talba lill-Awtorita', u l-Kunsill ma rċieva l-ebda risposta, għandha tittieħed l-azzjoni legali mitluba".

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv (A.S.E.) spjega li l-Kunsill għalkemm s'issa ma' kienx irċieva risposta, kien sar l-ewwel kuntatt bit-telefown fuq is-suġġett fejn kien spjegat dan in-nuqqas u indikat li dan għandu jkun ikkoreġut u isem Bormla jibda jidher kif inhu korrett li jsir. L-A.S.E. fisser li mhux għaqli li mill-ewwel tittieħed azzjoni legali iżda wieħed għandu jagħmel it-tentattivi kollha bir-raġuni dwar dan in-nuqqas qabel jittieħed pass legali.

Il-Kunsill qabel li jingħata aktar żmien qabel tittieħed xi forma ta' azzjoni, minbarra li dan kollu għanu jintbagħat bil-kitba lill-Aworita' Tat-Trasport ta' Malta.

07/07 **MOZZJONI 17/2009 (IV) TABELLA KONFINI TAL-LOKALITA'**

**DOK 'C'**

**Il-Kunsillier John Vella** ressaq il-Mozzjoni nru. 17/2009 dwar il-post fejn hemm it-tabella tal-lokalita'.

"Nipproponi li s-sinjal tal-Lokalita' li jinsab fi Triq Cottonera għandu jiċċaqlaq minn fejn jinsab u jitpoġġa mas-Sur fid-daħla tal-Bieb Notre

Dame fid-direzzjoni minn Ħaż-Żabbar għal Bormla, jew inkella jsir ieħor addattat għal-post (indikat fuq il-mappa mehmuża)"

**Il-Kunsillier John Vella** qajjem mistoqsijiet dwar il-konfini eżatt ta' Bormla, skont kif inhuma fil-preżent, għaliex hu tal-fehma li l-konfini ta' Bormla mhux kif qiegħed indikat fil-pjanta uffiċċjali tal-lum. U għalhekk kien qed iressaq din il-mozzjoni fejn kien qed jipproponi li s-sinjal tal-Lokalita jitneħħa minn fejn hu fil-preżent u jitpoġġa mas-Sur fid-daħla tal-Bieb Notre Dame kif spjegat.

**L-Aġent Segretarju Eżekuttiv** ġibed l-attenzjoni li l-konfini tal-Kunsill Bormla huwa deċiż skont l-Att. 363 dwar il-Kunsilli Lokali u għalhekk il-Kunsill irid iżomm ma' dak li hemm deċiż fil-liġi. Barra minn hekk fakkar li dawk it-tabelli tal-Kunsill huma fil-post fejn jinsabu skont dak li kien indikat mill-MEPA fejn għandhom jitwaqqfu. Għalhekk talab lill-Kunsillier John Vella sabiex ikun eżatt f'dak li qed jipproponi, u għandu jressaq raġunijiet dokumentati dwar dak li qed isostni dwar il-konfini kif ukoll ritratti u pjanti fejn jindikaw dak li qed isostni, minbarra li għandu jressaq pjanta fejn fuqha jindika b'mod ċar il-post fejn qed jipproponi li jkun hemm din it-tabella.

**Is-Sindku Joseph Scerri** talab lill-Kunsillier John Vella sabiex iressaq il-mozzjoni b'dawn d-dokumenti sabiex il-Kunsill ikun f'pożizzjoni aħjar biex jivvaluta din il-proposta. Dawn id-dokumenti huma meħtieġa sabiex il-proposta tkun tista' titressaq lill-Awtoritajiet.

**07/08 IL-GRAWND TAL-5-A-SIDE**

**DOK 'D'**

**Il-Kunsillier James Cauchi** ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill, mozzjoni b'urġenza dwar il-Grawnds tal-futbol tal-5-a-side f'Bormla. Dan kien qed jagħmlu wara li kien preżenti f'sitwazzjoni xejn pjaċevoli fil-ground ta' Ħal Luqa mat-tfal tan-Nursery ta' Bormla, fejn dawn it-tfal kienu ffaċċjati b'diskors arroganti u qawwi minn suppost għalliem għall-fatt li huma Bormliżi. Il-Kunsillier James Cauchi fisser li qed jitwaqqaf kumitat uffiċjali għan-Nursery kompost bil-President, Segretarju tiegħu, u għalhekk il-Kunsill għandu jaħdem sabiex dawn jingħataw l-għajnuna kollha meħtieġa sabiex ikollhom dawn il-grawnds tagħhom bl-aħjar kundizzjonijiet possibbli.

"Qed inressaq din il-mozzjoni għall-attenzjoni ta' dan il-Kunsill wara li fhimt is-sitwazzjoni tal-problema kbira li għaddejjin minnha n-nurseries tat-tfal ta' Bormla fil-futbol.

Qed inressaq din il-mozzjoni ukoll b'konformita' ma' dak li diga ġie deċiż minn dan il-Kunsill favur id-delizzju ta' dawn it-tfal.

Nemmen li din il-mozzjoni jekk tiġi approvata minn dan il-Kunsill ser tgħin ħafna sabiex dan l-isport jibqa' jiġi prattikat minn dawn it-tfal f'ambjent aħjar li żgur li sforz dan l-isfog dan ser jgħinhom fil-futur sabiex jiffurmaw karattru iktar fis-sod.

Qed nipproponi li dan il-Kunsill jasal fi ftehim mal-kuntrattur ħalli

jinġabru kwotazzjonijiet fejn bi spiża tal-Kunsill isir proġett sabiex dawn iż-żewġ grawnds jigu grawnd wieħed biex bis-saħħa ta' hekk dawn it-tfal, sakemm tiġi riżolta s-sitwazzjoni tal-grawnds ikunu jistgħu jorganizzaw tournaments ma' clubs oħrajn ġewwa Bormla, xi ħaġa li llum din ma tistax issir u dawn it-tfal qed ikollhom, kif rajt jien b'għajnejja, jiddependu fuq stediena ta' clubs oħrajn biex ikun jistgħu jilagħbu logħob kompetittiv.

Rajt b'għajnejja jien stess ukoll kemm ibagħtu dawn it-tfal meta jmorru jilagħbu logħob kompetittiv ma' tfal bħalhom ġewwa grawnds oħrajn minħabba s-sempliċi fatt iżda determinanti li jkunu away u allura l-vantaġġ tal-home grawnd m'hu qed jesperjenzjawh qatt, li qed ifisser żvantaġġ kbir li qed iwasslu għal riżultati mhux daqstant inkoraġġanti."

**Is-Sindku** fisser li matul il-gimgħa ta' qabel kellu laqgħa mas-sur Angelito Sciberras, fin-nuqqas ta' l-Onor. Clyde Puli li ma setax jattendi, dwar il-grounds Peppi Delceppo. Huwa sostna li llum il-mistoqsija kienet jekk is-St. George's iridux dawn il-grawnds jew le, iżda l-Kunsill irid jibqa' jara li mal-mija u għoxrin tifel Bormliż flok jiġġerrew mat-toroq jibqgħu miġbura jilagħbu f'dawn il-grawnds. Huwa fisser li malli l-imprenditur Zaren Vassallo sostna li dawn il-grawnds ma kenux aktar sostenibbli, l-Kunsill mill-ewwel intrabat li jħallas għal sena, d-dawl, l-kera, l-insurance u jgħin sabiex jinstabu fondi biex il-Club tas-St George's jifdi dawn il-grawnds. Huwa semma li fil-preżent l-MFA għandha skema fejn tagħti sa b'għoxrin elf lira maltija sabiex clubs jibnu l-grawnd tagħhom, u l-Kunsill wera li lest imur mar-rappreżentanti tal-Club quddiem Zaren Vassall sabiex ikun iffissat il-prezz tal-grounds, u jkompli jgħin sabiex il-Club japplika għall-fondi mill-*Good Causes Funds* għall-għajnuna, u dak li jibqa' kellu l-wegħda li l-Ministeru joħroġ ammont ta' flus biex jinfdew dawn il-grawnds. Għalhekk il-Kunsill jeħtieġ li sa l-aħħar ta' Novembru jkun jaf kemm lesta li tagħti l-Malta Football Association, kif ukoll id-deċiżjoni tal-Club tas-St George's.

**Il-Kunsill** qabel li bil-għajnuna tal-perit tkun investigata sewwa l-possibilta' u l-istima tax-xogħol meħtieġ sabiex il-grawnds isiru f'livell wieħed, u wara din il-mozzjoni titressaq bl-ammonti ta' spejjeż u possibilta li dan ix-xogħol jitwettaq, għall-konsiderazzjoni tal-Kunsill.

**07/09 ATTIVITA' TA' JUM BORMLA 2009 DOK 'E'**

**Is-Sindku** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill stima ta' l-Attivita' li qed titħejja għal Jum Bormla 2009. Huwa fisser li l-ispejjeż huma stmati li se jlaħħqu madwar Euro 1,700, bl-attivita' tkun tikkonsisti fil-Quddiesa uffiċjali u wara t-tqegħid ta' Kuruna waħda mill-Kunsill fuq il-Monument. Wara t-tqegħid tal-kuruni, ser issir attivita' fis-Sala tal-Każin tal-Banda San Ġorġ fejn ser jintwera feature dwar Abram Gatt, jiġu preżentati proġetti mill-istudenti tal-5 u s-6 sena lis-Sindku u lill-Arċipriet dwar l-istess Abram Gatt, l-għoti ta' l-unur Gieh Bormla 2009 'in memoriam', l-għoti ta' l-unur Ġieħ Bormla 2009 b'sorpriża lis-Sur Carmelo De Lorenzo u rigal ċkejken lit-tfajjel Arlen Bellotti.

**Il-Viċi Sindku Alison Zerafa** spjegat li permezz tas-sottokumitat Edukazzjoni u ħafna għajnuna minn teachers, fil-klassijiet tal-5 u 6 sena li se jkunu mistiedna għall-attivita'. Hija pproponiet li l-Kunsill jagħti vouchers għall-kotba li jinżammu fill-klassi għall-użu ta' kulħadd. Il-kunsill unanimament qabel ma din il-proposta.

**07/10 KORRISPONDENZA DOK 'F1-8'**

Is-Sindku ressaq din il-korrispondenza għall-attenzjoni tal-Kunsill:

a) Ittra minn tifel ta' tnax-il sena Arlen Bellotti, ferm interessanti fejn qed iħeġġeġ lill-Kunsill sabiex isir "skatepark" żgħir għat-tfal li għandhom id-delizzju tar-rota u ta' l-iskateboard.
b) Risposta għal din l-ittra fejn dan it-tfajjel ġie mistieden jattendi attivita' tal-Kunsill f'Jum Bormla 2009 fejn sejjer ikun ippreżentat b'riġal ċkejken b'apprezzament. Il-Kunsill unanimament qabel li jingħata voucher ta' ħamsin euro f'kotba.
c) Ittra lid-Direttur tal-Gvern Lokali fejn il-Kunsill ressaq it-talba sabiex ikun jista' joħroġ sejħa għall-impjieg ta' skrivan/a full-time mal-Kunsill, ladarba jintemm il-kuntratt ta' Office Support Clerk.
d) Is-Sindku informa li bl-iSkema Aċċessibilita' Aħjar fil-Lokalitajiet – Il-Kunsill Bormla ser jingħata s-somma ta' €10,000 f'għajnuna finanzjarja għall-proġett tar-rampa u tal-lift fil-Kunsill.
e) Korrispondenza mis-Segretarju tan-Narcotics Anonymous- Malta
f) Memo 57/2009 dwar Disposal Fees ġodda għar-rimi tal-iskart imħallat fil-Landfill.
g) Memo 59/2009 dwar Avviż Legali 255 tal-2009 dwar ir-regolamenti dwar l-Offerti lill-Kunsilli Lokali.
h) Memo 65/2009 dwar Avviż ta' bidu fis-seħħ fl-1 ta' Novembru tal-maġġor parti tal-artikli tal-Att XVI tal-2009.

**07/11** **Il-Kunsillier John Vella** ressaq proposta lill-Kunsill permezz ta' korrispondenza minn Karol Spiteri dwar għaqda barranija li qed toħloq proġett bejn ħames Kunsilli Lokali u din il-Kumpanija taljana, fejn studenti minn barra ikunu hostes ma' familji tal-lokalita'. **DOK 'G'**

Il-Kunsill kien mitlub jindika hux interessat jipparteċipa f'dan il-proġett. Kien hemm qbil li l-Kunsillier John Vella jindaga sewwa din il-proposta u jara jekk hemmx familji li huma nteressati jidħlu f'dan il-proġett.

**07/12** **Il-Kunsillier Pablo Cachia Belli** nforma lill-Kunsill li bħala attivita' għall-Istrina, sabiex il-Kunsill ukoll jgħin fil-ġbir għall-Istrina, ser ikun organizzat Tournament tal-Football, b'entrance fee tiegħu imorru kollha għall-Community Chest Fund, u fejn hu stmat li mhux sejjer ikun hemm spejjeż ta' xejn, għaliex mistenni li t-Trophies u l-medalji ikunu sponsorizzati, blalen se jintużaw tas-St. George's Club, kif ukoll l-advertising posters u printing ukoll ikun b'xejn. Huwa informa li wed ikunu mistiedna timijiet minn diversi Kunsilli, u d-dħul tal-parteċipazzjoni minn kull tim imur kollu għall-Istrina.

**07/13** **Is-Sindku** ressaq talba tas-Sinjura De Cesare tad-Dog Trust sabiex tibgħat leaflets dwar attivita' fil-15 ta' Novembru li sejra tinżamm

f'Bormla fejn sejjer jingħata servizz b'xejn għal dawk li għandhom kelb u jridu jsewwuh.

**07/14 INFORMAZZJONI OĦRA**

**07/14/01** **Il-Viċi Sindku Alison Zerafa** ressqet talba tar-residenti ta' l-inħawi tat-taraġ li jagħti għal Triq Wiġi Rosato, sabiex f'dan it-taraġ il-Kunsill jagħmel *hand rail*. Il-Kunsill unanimament approva dan ix-xogħol.

Hija nfurmat ukoll li ġimgħa wara l-15 ta' Novembru s-sottokumitat Nisa sejrin jorganizzaw high tea.

Il-Viċi Sindku Alison Zerafa nfurmat ukoll li tressqet talba minn Soroptimist Malta li jħaddan fih single parents u tfajliet bi problemi, għall spazju minn fejn dawn jistgħu jagħtu lezzjonijiet lil dawn it-tfajliet.

**07/14/02** **Is-Sindku** nforma lill-Kunsill li kien infurmat li Patri Mark Montebello kien qed jirranġa dar f'Bormla, u għalhekk kien sejjer jiktiblu sabiex jivverifika l-għan li għalih qed isir dan ix-xogħol, u xi ħsibijiet għandu Patri Montebello għal użu ta' din id-dar.

**07/14/03** **Is-Sindku** nforma li l-Korrispondenza elettronika mill-MEPA dwar applikazzjonijiet ġodda fil-lokalita' qed tkun mgħoddija fuq l-email tiegħu sabiex b'hekk kull applikazzjoni tingħata l-attenzjoni kollha meħtieġa.

**07/14/04** **Il-Kunsillier Raymond Balzan** fakkar li l-Ministru George Pullicino kien stqarr li l-Bring-in sites ser isiru tal-Kunsill u għalhekk issa l-Kunsill irid jibda jieħu ħsieb tagħhom. Huwa nnota ukoll li nbeda x-xogħol fuq il-linji tal-parkeġġ, liema xogħol ilu li nbeda ħmistax ilu, u issa wasal sabiex jitlesta kollu. Barraminnhekk huwa staqsa f'hiex wasal ix-xogħol tal-ixkaffar tal-librerija u ssuġġerixxa li jekk jitlestew fil-ħin, il-librerija tkun inawgurata f'Jum Bormla.

**07/14/05** **Is-Sindku** fakkar li nhar t-Tlieta ta' wara kien sejjer ikollu laqgħa f'nofs-in-nhar mar-rappreżentanti tal-Green MT dwar skema ta' ġbir ta' skart separat u l-Kunsilliera jistgħu jattendu.

**07/14/06** **Il-Kunsillier John Vella** nforma lill-Kunsill li l-applikazzjoni dwar il-Festival tas-Swar kienet sejra tagħlaq fl-aħħar ta' dan ix-xahar.
Huwa nforma wkoll li Bormla ġiet imdaħħla fl-attivita' tal-Visti ta' postijiet storiċi.

**07/14/07** **Is-Sindku** nforma li fis-27 ta' Novembru l-Onor. Mario De Marco kien sejjer jagħmel viżta f'Bormla. Il-Kunsilliera kienu mistiedna jattendu f'din iż-żjara.

Is-Seduta ntemmet fis-8.15 ta' fil-għaxija.

Is-Seduta li jmiss kienet iffissata għall-Ħamis, 3 ta’ Diċembru 2009 fis-6.30 ta’ fil-għaxija.

______________________

**Joseph Scerri**
**Sindku**

______________________

**John Farrugia**
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**